MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-28 ta' April, 2005

Numru 400/2004

Il-Pulizija
(Sp Carmelo Magri)
vs
Allan Grima, iben Anthony,
imwieled Pieta' fis-26 ta' diċembru,
1982

Il-Qorti,

Rat l-akkużi kontra l-imputat –

1. talli fit-28 ta' settembru, 2003 f'xi ħin matul il-ġurnata minn Flat 3, Triq San Ġorġ, Ħal-Safi kkometta serq ta' kwantita ta' deheb u Lm100 fi flus kontanti għad-dannu ta' Spiridione Lia minn Ħal-Safi liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeċċedix l-elf lira maltin (Lm1,000), bil-ħin u bil-lok;

2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi volontarjament ħassar, għamel ħsara, jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, għad-dannu ta’ l-istess Spiridione Lia, liema ħsara tammonta għal iżjed minn għaxar liri maltin (Lm10) iżda ma tiskorriex il-ħamsin liri maltin (Lm50);
3. talli sar reċidiv skond l-artikoli 49, 50 u 289(1) tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta’ april, 2005 fejn il-Prosekuzzjoni nfurmat il-Qorti li l-ħsara li għamel l-imputat hi ta’ mhux aktar minn Lm10 u li nsterqu Lm100 fi flus kontanti u Lm100 valur ta’ deheb.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta’ april, 2005 fejn l-imputat ammetta l-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta’ l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 49, 50, 261(b)(ċ)(e)(f), 263, 264, 267, 269(g), 270, 278(1)(2)(3) u 325(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta’ tnax (12) il-xahar priġunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------